MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 844/2003

**Philip Borg**

**Vs**

**Patrick Filletti**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' April, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' hames mija u hamsin lira Maltin (Lm550) rappresentanti valur ta' tlett skulturi u par siggijiet ta'l-entrata, liema oggetti sarulhom hsarat estensivi kawza ta'l-agir tal-konvenut u dana kif ser jirrizulta fil-mori tal-proceduri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-27 ta' Jannar 2004 fejn huwa eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.
2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma giet ipprezentata ebda stima ta'l-allegati hsara u f'kull kaz l-attur irid jiggustifika kif wasal ghal valur ta'l-allegati danni.
3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-konvenut qatt ma gie interpellat ufficjalment dwar dawn l-allegati danni u ghaldaqstant din il-kawza hija intempestiva.
4. Illi f'kull kaz, l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom ikunu sopportati mill-attur.
5. Salvi eccezzjonijeit ulterjuri.

Sema x-xhieda ta' l-attur, Maria van der Knaap, Paul England u tal-konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi jirrizulta illi ma hemmx kontestazzjoni dwar ir-responsabbilta ghal incident li wassal ghad-danni sofferti allegatament mill-attur. L-uniku kontestazzjoni li tirrizulta hija dwar il-*quantum* tad-danni allegatement sofferti fl-istatwi u siggijiet antiki bhala konsegwenza ta'l-incident, fejn waqa' tank ta'l-ilma, proprjeta tal-konvenut minn fuq il-bejt ta'l-blokk ta'l-appartamenti fejn l-attur ghandu il-hanut tieghu ta'l-antikita' fil-pjan terran tieghu. L-istatwi li allegatement soffrew xi danni, kienu jinstabu fil-bitha, fejn waqa' dana it-tank, filwaqt li is-siggijiet kienu jinstabu fejn il-bieb li jaghti ghal din il-bitha, il-hgieg ta' liema bieb tkisser fl-incident. L-attur jallega illi xi frak ta' dan il-hgieg dahhlu fl-*upholstery* tal-gilda ta' dawn is-siggijiet antiki u b'hekk saritilhom l-hsara allegata.

L-attur jikkontendi illi huwa sofra danni fl-ammont ta' Lm550. Huwa wasal ghal din ic-cifra peress illi jikkontendi illi dana kien il-prezz li kien ser igib ghal bejgh ta' dawn l-istatwi u taz-zewg siggijiet. L-attur madanakollu ma jissostanzjax dana b'xi prova la dokumentali jew permezz ta' xhieda *viva voce* jew ta' esperti f'dan il-qasam. Lanqas

jindika il-perijodu taz-zmien li fihom gew manifatturati dawn l-istatwi u siggijiet u ghalhekk lanqas jindika kemm fil-verita huma antiki, anke fid-dawl tal-fatt illi l-konvenut qieghed jikkontendi illi dawn l-oggetti huma *reproductions*. Dana certament jaghmel differenza fil-valur taghhom. Lanqas jipproduci xi registri jew ritratti ta’ dawn l-oggetti jew xi *price list* minn xi kotba jew rivisti ta’l-antikita li jistghu jaghtu xi indikazzjoni dwar il-valur reali ta’ dawn l-oggetti fuq is-suq.

Anzi mill-provi irrizulta illi l-attur fil-verita sewwa l-istatwi u illum jinsabu esposti ghal bejgh fil-hanut tieghu fil-vetrina ta’ barra. Illi ghalhekk kieku it-Tribunal kellu jikkundanna lill-konvenut ihallas il-prezz ta’ dawn l-istatwi, imbaghad l-attur minn naha tieghu ibieghhom, anke ghal xi prezz inferjuri minhabba li huma imsewwija, allura dana ikun kaz ta’ arrikiment indebitu da parti ta’l-attur u ghalhekk f’dan ir-rigward it-talba ta’l-attur hija certament esagerata. Ghalhekk l-attur ghandu dritt biss ghat-telf fil-qliegh illi huwa ser jaghmel minhabba li l-oggetti sofrew id-danni. Izda lanqas f’dan ir-rigward huwa ma ressaq provi. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ghal kemm kien xtara dawn l-oggetti, ghajr li huwa ighid li l-istatwi xtrahom minn fuq l-idejn minn dar gewwa z-Zurrieq, u illi s-siggijiet kien xtrahom minn garage gewwa Hal Qormi ghal prezz ta’ Lm50-il wiehed. L-attur naqas li jezabixxi xi ricevuti in sostenn ta’ dak allegat minnu jew fin-nuqqas li iressaq l-persuni stess li minn ghandhom kien akkwista dawn l-oggetti sabiex jikkonfermaw dak allegat minnu. Lanqas ricevuta ghar-rigward tat-tiswija tal-hsarat fl-istatwi ma giet imressqa, ghalkemm huwa jikkontendi illi hallas Lm30 sabiex l-istess statwi jissewwew. Illi huwa principju legali fondamentali illi min jallega irid jipprova u allura kien jinkombi fuq l-attur li iressaq provi konvincenti rigward l-*quantum* tad-danni minnu sofferti f’dawn l-istatwi u siggijiet li kienu jinstabu fil-hanut tieghu, haga li naqas li jaghmel b’mod konvincenti, tant illi t-Tribunal mill-provi li jinstabu fl-atti processwali, ma jistax jasal sabiex jistabbilixxi l-*quantum* tad-danni sofferti mill-attur.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-attur naqas illi jipprova dak mitlub minnu u kwindi t-talba tieghu qed tigi michuda.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa’ t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------